

31993D0317

18.5.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 122/45

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-21 ta' April 1993****li tirrigwarda l-kontenut tal-kodiċi li għandu jintuża fuq il-marki tal-widnejn tal-bovini**

(93/317/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE tas-27 ta' Novembru 1992 fuq l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 5(2)(a) tagħha,

Billi dan il-kodiċi għandu jipprovdi għal kull annimal bovin li jkun identifikat individwalment u biex ikunu identifikati l-Istat Membru tiegħu u azjenda ta' oriġini; billi kodiċi ta' żewġ ittri għandu jintuża biex ikun identifikat kull Stat Membru;

Billi l-azjenda ta' oriġini tista' tkun identifikata b'numru jew serje ta' numri uniċi għal kull azjenda; billi kull awtorità kompetenti għandha tuża s-sistema ta' ennumerazzjoni għall-azjendi taħt il-kontroll tagħha; billi l-kodiċi għandu jkun kompletat bin-numri jew ittri li jidentifikaw l-annimal individwali;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kodiċi fuq marka tal-widna bovina għandu jibda bl-ittri li jidentifikaw l-Istat Membru ta' oriġini skond it-tabella li ġejja:

Il-Belġju	BE
Id-Danimarka	DK
Franza	FR
Il-Ġermanja	DE
Il-Greċja	EL
L-Irlanda	IE
L-Italja	IT
Il-Lussemburgu	LU
L-Olanda	NL
Il-Portugall	PT
Spanja	ES
Ir-Renju Unit	UK

2. Il-kodiċi għandu jkun kompletat b'serje ta' numri u/jew ittri li jagħmilha possibbli li jkun identifikat kull annimal individwalment flimkien ma' l-azjenda fejn ikun twieled.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fil-21 ta' April 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 355, tal-5.12.1992, p. 32.